newsbook.com.mt

LOKALI

# Filmat: InterAct Festival fiċ-Ċentru Miftuħ tal-Marsa

*Astrid Sammut - 27/04/14 07:03 PM*




Iċ-Ċentru Miftuħ tal-Marsa tella' *InterAct Festival*. Dan il-festival imtella' mill-Fondazzjoni li toffri kenn u appoġġ lill-immigranti jifforma parti mill-programm tal-Unjoni Ewropea Youth in Action.

Din l-attività interkulturali li saret bil-għan li żżid l-interazzjoni pożittiva bejn żgħażagħ Maltin u Afrikani tifforma parti mill-programm Ewropew *Youth in Action*.

Il-Ministru Helena Dalli żaret dan il-Festival u ddawret ma' bosta stands fil-bitħa prinċipali li kienu jinkludu gastronomija ta' pajjiżi differenti u anke arti.

Dan il-festival ittella' bil-parteċipazzjoni ta' diversi organizzazzjonijiet fosthom l-Aġenzija Żgħażagħ, iċ-Chaplaincy tal-Università u l-Kunsill Studenti Universitarji.

Preżenti kien hemm ukoll l-Ambaxxatur Ġermaniż għal Malta l-E.T. Klaus-Peter Brandes u l-Kummissarju għat-Tfal Helen D'Amato.

**0 Comments** Newsbook Login

Sort by Best Share Favorite

Start the discussion…

Be the first to comment.

Subscribe Add Disqus to your site Privacy